



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 17.1.2013  
COM(2013) 8 final

2013/0006 (NLE)

Proposta għal

### DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tawtorizza lil Franza tapplika rata ta' tassazzjoni mnaqqsa għall-petrol bla ċomb użat  
bħala karburant u ddestinat għall-konsum fid-dipartimenti ta' Korsika skont l-Artikolu  
19 tad-Direttiva 2003/96/KE**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

It-tassazzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija u fuq l-elettriku fl-UE hija regolata mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva"). Id-Direttiva tispjega liema prodotti huma taxxabli, l-użu li jsir minnhom li jagħmilhom taxxabli u r-rati minimi li bihom għandhom jiġu ntaxxati skont jekk dawn jintużawx bħala fjuwil tal-karozzi, għal ċerti skopijiet industrijali jew kummerċjali jew għat-tisħin.

F'konformità mal-Artikolu 19(1) tad-Direttiva, il-Kunsill, billi jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi aktar eżenzjonijiet jew tnaqqis fir-rata ta' dazji tas-sisa għal konsiderazzjonijiet speċifiċi ta' politika.

L-għan ta' din il-proposta hu li jippermetti lil Franza biex ikompli japplikaw tnaqqis fir-rata ta' tassazzjoni fuq petrol bla ċomb użat bħala fjuwil tal-magni u kkunsmat fid-dipartimenti ta' Korsika bil-ħsieb li jiġu kkompensati parzjalment l-ispejjeż addizzjonali minħabba d-distanza ġeografika u d-diffikultajiet ta' provvista.

#### **It-talba u l-kuntest ġenerali tagħha**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/880/KE tal-20 ta' Diċembru 2007 awtorizzat lil Franza tapplika rata mnaqqsa tad-dazju tas-sisa fuq petrol bla ċomb użat bħala fjuwil tal-magni u kkunsmat fid-dipartimenti ta' Korsika bil-kundizzjoni li t-tnaqqis ma jmurx lil hinn mill-ispjiza addizzjonali tat-trasport, il-ħażna u d-distribuzzjoni meta mqabbla ma' Franza kontinentali. L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tippermetti lil Franza tikkompensa b'mod parzjali l-ispejjeż addizzjonali minħabba d-distanza ġeografika u d-diffikultajiet ta' provvista. B'applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, Franza applikat għal tnaqqis ta' EUR 1 għal kull ettolitru ta' petrol bla ċomb.

B'ittra li ġgħib id-data tat-12 ta' Marzu 2012, l-awtoritajiet Franċiżi talbu awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika tnaqqis ta' EUR 1 għal kull ettolitru għal perjodu ta' sitt snin, mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2018. Permezz ta' ittri ddatati l-25 ta' Ġunju 2012 u l-5 ta' Ottubru 2012, Franza ssottomettiet informazzjoni addizzjonali dwar il-ġustifikazzjoni tat-talba għal deroga.

Bħal fil-każ tat-talbiet preċedenti, l-awtoritajiet Franċiżi ressq u l-argument li t-tnaqqis fir-rata tat-taxxa tas-sisa huwa meħtieġ biex jibbilanċja parti mill-prezz oġhla tal-petrol bla ċomb <sup>(1)</sup> li jirriżulta min-natura insulari ta' Korsika. Il-prezz huwa oġhla minħabba l-ispejjeż addizzjonali meta jinbiegħ il-fjuwil f'dan ir-reġjun, li huwa stmat li jilhq u s-7 ċenteżmi tal-Euro għal kull litru. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, hemm diversi raġunijiet li jispjegaw dan il-kost addizzjonali:

- (1) Minħabba li ma hemm l-ebda raffinerija f'Korsika, l-ispejjeż għat-trasport u d-distribuzzjoni huma oġhla għall-konsenja tal-fjuwil hemmhekk minħabba l-ispejjeż addizzjonali marbutin ma' merkanzija bil-baħar u bl-art (distanzi itwal u l-ħin tal-vjaġġ). Id-distanza mill-egreb raffinerija f'Fos-sur-Mer għaż-żewġ imħażen

---

<sup>(1)</sup> Il-prezz tal-pompa tal-petrol bla ċomb (SSP 95) f'Korsika fit-22 ta' Mejju 2012 kien EUR 1,66 kull litru meta mqabbel ma' prezz medju ta' EUR 1,56 kull litru fit-territorju Franċiż.

f'Korsika f'Luciano u Ajaccio hija rispettivament 358 km (li minnhom 182 km bil-baħar) u 315 km (li minnhom 170 km bil-baħar). It-trasport lejn dawn l-imħażen isir esklussivament bil-vapur, filwaqt li l-imħażen kollha li jinstabu fuq Franza kontinentali huma kollha kollegati direttament ma' raffinerija permezz ta' network ta' pajplajns, ħaġa li tnaqqas b'mod konsiderevoli il-kosti tat-trasport. Bħala eżempju, il-kosti tat-trasport lejn Korsika huma erbgħa sa ħames darbiet ogħla mill-kosti ta' trasport bil-pajplajn bejn Le Havre u r-reġjun ta' Pariġi.

- (2) Il-kapaċità ħafna iżgħar taż-żewġ imħażen f'Korsika (rispettivament 16 000 m<sup>3</sup> u 19 000 m<sup>3</sup>) tfisser li dawn ikollhom bżonn provvisti aktar frekwenti. L-investiment fil-manutenzjoni, il-konformità tal-faċilitajiet u l-kosti għall-persunal mhumiex marbuta mal-volum tan-negozju li jkollhom l-impjanti. Il-volum totali ta' fjuwil imdaħħal f'dawn l-impjanti huwa ta' anqas minn 400 000 m<sup>3</sup> fis-sena, li hija nofs il-volum medju għal depot fuq il-kontinent. Għalhekk, il-kost tal-ħażna għal kull m<sup>3</sup> huwa ogħla f'Korsika.
- (3) Il-kosti fissi mġarrba mid-distributuri jridu jiġu assorbiti minn volum iżgħar ta' bejgħ minħabba l-popolazzjoni baxxa <sup>(2)</sup>, il-pajżaġġ muntanjuż ħafna (90 % muntanji) u l-volumi żgħar ta' karburant mibjugħ minn kull pompa tal-petrol. L-oqsma tad-distribuzzjoni huma għalhekk iżolati u mbiegħda minn xulxin. L-għadd ta' abitanti għal kull pompa tal-petrol huwa 2 485 meta mqabbel ma' medja ta' 5 768 fit-territorju Franċiż u l-volum tal-bejgħ għal kull stazzjon tas-servizz jammonta għal 2 278 m<sup>3</sup> għal Korsika meta mqabbel mal-4 149 m<sup>3</sup> fi Franza kontinentali.

Kif jidher fit-tabella hawn taħt, il-kwotazzjonijiet internazzjonali għall-petrol għal Korsika u għal Franza kontinentali huma l-istess, u jammontaw għal EUR 64,82 għal kull 100 litru. Id-differenza fil-kosti grossi tat-trasport hija għolja ħafna bejn Franza kontinentali u Korsika, rispettivament EUR 7,77 għal kull 100 litru u EUR 23,28 għal kull 100 litru. Minkejja rati aktar baxxi tat-taxxa (kemm taxxa fuq l-enerġija kif ukoll VAT) il-prezz finali għal petrol bla ċomb huwa ogħla f'Korsika milli huwa fil-parti kontinentali ta' Franza. It-tabella ta' hawn taħt turi l-istruttura tal-prezzijiet tal-petrol u tad-diżil fl-10 ta' Awwissu 2012

Prezz medju ta' fjuwil f'EUR għal kull 100 litru	Franza kontinentali Petrol	Korsika Petrol	Korsika ta' Isfel Petrol
Il-prezz inkluz it-taxxi	160,07	165,00	163,51
VAT	26,23	18,98	18,81
Taxxi fuq l-enerġija	61,25	57,92	57,92
Il-marġni grossi tat-trasport u d-distribuzzjoni	7,77	23,28	21,96
Kwotazzjonijiet internazzjonali	64,82	64,82	64,82

<sup>(2)</sup> L-għadd ta' abitanti huwa ta' 35/km<sup>2</sup> f'Korsika meta mqabbel ma' 94/km<sup>2</sup> fi Franza kontinentali.

(Hypothese Corse)			
-------------------	--	--	--

Sors: [www.prix-carburants.gouv.fr](http://www.prix-carburants.gouv.fr)

Franza rrimarkat ukoll li l-miżura hija skont il-politika speċifika tal-gvern favur l-iżvilupp f'Korsika, iġġustifikata minħabba l-iżvantaġġ li ġġib magħha l-insularità. Skont l-istatistika disponibbli, Korsika bħala tali għandha prodott domestiku gross kull ras ta' EUR 23 800 fl-2009, li huwa konsiderevolment iktar baxx mill-medja nazzjonali ta' EUR 29 574 f'dik is-sena.

### **Id-dispożizzjonijiet fil-qasam kopert mill-proposta**

Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-qafas tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/38/UE tat-18 ta' Jannar 2011 li tawtorizza lil Franza biex tapplika livelli differenti ta' tassazzjoni fuq fjuwils tal-magni skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE Ir-reġjonalizzazzjoni tar-rati tat-taxxa fuq konsum domestiku ta' prodotti petroliferi (TIPP) tikkonċerna kemm id-diżil kif ukoll il-petrol bla ċomb użat bħala fjuwil għall-magni. Hija tiffirma parti mill-politika ta' deċentralizzazzjoni ppjanata mill-awtoritajiet Franċiżi minħabba li hija tippermetti lir-reġjuni Franċiżi, inkluża Korsika, biex jaġġustaw ir-rati tad-dazju tas-sisa applikabbli għall-fjuwils tal-vetturi bil-mutur. Din id-deċentralizzazzjoni tagħmel parti minn approċċ imfassal biex tiżdied l-effettività amministrattiva billi titjieb il-kwalità u titnaqqas l-ispiża tas-servizzi pubbliċi. Hija wkoll parti minn politika ta' sussidjarjetà, li tippermetti li jiġu adottati deċiżjonijiet f'bosta oqsma fil-livell xieraq (ara t-tieni premessa tad-Deċiżjoni 2011/38/UE) u għalhekk issegwi għanijiet oħrajn għajr dawk mixtieqa bit-talba għal tnaqqis fit-taxxa. L-awtorizzazzjoni tiskadi fl-aħħar tal-2012, iżda Franza talbet l-estensjoni tagħha.

### **Valutazzjoni tal-miżura skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE**

#### *Konsiderazzjonijiet speċifiċi ta' politika*

L-Artikolu 19(1), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva huwa kif ġej:

“Flinmien ma' dawn id-dispożizzjonijiet msemmija fl-Artikoli ta' qabel, b'mod partikolari l-Artikoli 5, 15 u 17, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq xi proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi iktar eżenzjonijiet u tnaqqis għall-konsiderazzjonijiet politiki speċifiċi.”

Id-differenzjazzjoni tat-taxxa tpoġġi lill-konsumaturi tal-petrol f'Korsika fuq livell iktar ugwali ma' konsumaturi bħalhom fuq il-kontinent billi ttaffi parzjalment il-kost addizzjonali mġarrab mill-konsumaturi f'Korsika. Il-miżura proposta għalhekk tissodisfa ċerti għanijiet ta' politika reġjonali u ta' koeżjoni.

It-tnaqqis tat-taxxa ma jmurx lil hinn mill-ispejjeż addizzjonali ta' trasport u distribuzzjoni mġarrba mill-konsumaturi f'Korsika. It-tnaqqis ta' EUR 10/1 000 l fil-kost tal-petrol bla ċomb huwa ħafna iżgħar mid-differenza bejn il-prezzijiet finali rispettivi.

Ir-rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq il-konsum ta' petrol bla ċomb li tiġi bħalissa applikata f'Korsika (EUR 579,2/1 000 l) <sup>(3)</sup> għadha konsiderevolment oġhla mil-livell tal-UE minimu ffissat bid-Direttiva 2003/96/KE (EUR 359/1 000 l).

### *Konsistenza mal-bqija tal-politiki u l-għanijiet tal-Unjoni*

Meta l-Kummissjoni teżamina talba, tiegħu f'kunsiderazzjoni t-tħaddim kif suppost tas-suq intern, il-ħtieġa li tkun żgurata kompetizzjoni ġusta u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE dwar is-saħħa, l-ambjent, l-enerġija u t-trasport.

Il-miżura hija aċċettabbli mill-aspett tat-tħaddim tajjeb tas-suq intern u l-ħtieġa biex tkun żgurata kompetizzjoni ġusta. Hija tipprowa biss ittaffi parzjalment l-ispejjeż addizzjonali marbutin mal-istatus ta' Korsika bħala gżira. Minħabba n-natura mbiegħda u insulari tad-dipartimenti li għalihom tapplika u l-fatt li l-livell tat-tnaqqis tar-rata huwa moderat – li madanakollu huwa għoli ħafna meta mqabbel mal-minimu tal-UE - il-miżura mhijiex mistennija li twassal għal tibdil fil-konsum tal-fjuwil, billi jiġu attirati l-konsumaturi minn barra dawn iż-żoni.

Peress li l-effett tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq it-trasport huwa mistenni jkun insinifikanti, u li jistgħu jinstabu politiki kumpensatorji għal kwalunkwe effetti marġinali li jista' jkun hemm, il-miżura mhijiex inkompatibbli mal-politiki dwar is-saħħa, l-ambjent, l-enerġija u t-trasport tal-Unjoni.

### *Il-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżura u l-iżvilupp tal-qafas tal-UE dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija*

L-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2003/96/KE jistabbilixxi, għal dan it-tip ta' miżura, perjodu massimu ta' sitt snin, bil-possibilità ta' tiġdid. Il-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-perjodu ta' applikazzjoni għandu jiġi stabbilit skont il-massimu permess mid-Direttiva 2003/96/KE, jiġifieri sitt snin, filwaqt li titqies l-assenza ta' kwalunkwe impatt negattiv tal-arranġament attwali fuq il-kummerċ fi ħdan l-UE u fuq il-livell ġenerali tat-tassazzjoni tal-karburanti fi Franza, sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għar-reġjun, il-Kummissjoni tissuġġerixxi f'dan l-istadju li tingħata l-awtorizzazzjoni għal sitt snin, jiġifieri mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2018.

Madankollu, bil-għan li ma jiddgħajfux l-iżviluppi ġenerali futuri tal-qafas legali eżistenti, huwa xieraq li jiġi stipulat li, jekk il-Kunsill li jkun qed jaġixxi skont l-Artikolu 113 tat-Trattat, jintroduċi sistema ġenerali mmodifikata għat-tassazzjoni ta' prodotti tal-enerġija li għalihom ma tkunx tista' tiġi adattata din l-awtorizzazzjoni, din id-Deċiżjoni tiskadi dakinhar li jidħlu fis-seħħ ir-regoli mmodifikati.

Jekk il-Kunsill jadotta din is-sistema ġdida u jekk il-Kummissjoni tqis li l-awtorizzazzjoni f'din il-proposta tkun għadha ġġustifikata, il-Kummissjoni teżamina, b'mod pożittiv u f'waqtu, kull talba minn Franza li tikkonċerna xi awtorizzazzjoni simili li tkun adattata għal dik is-sistema l-ġdida, sabiex tiżgura l-kontinwità ta' din il-proposta.

---

<sup>(3)</sup> Din ir-rata tqis it-tnaqqis applikat minn Korsika meta tapplika d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/38/UE tas-17 ta' Jannar 2011.

## **Regoli dwar l-ghajjnuna mill-istat**

Il-miżura tista' tikkostitwixxi ghajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Peress li r-rati mnaqqsa huma 'l fuq mill-minima tal-UE, il-miżura tkun koperta mill-Artikolu 25 tar-Regolament 800/2008/KE <sup>(4)</sup> (ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) u għalhekk ikunu kkunsidrati kompatibbli mas-suq intern. Madankollu, minħabba li l-perjodu ta' validità tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013 kwalunkwe ghajjnuna inerenti fil-miżura tkun trid tiġi notifikata lill-Kummissjoni skont ir-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat, fil-każ li l-Kummissjoni ma tkunx adottat Regolament ġdid komparabbli mar-Regolament dwar l-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa jew fil-każ li Regolament ġdid bħal dak ma jkunx jinkludi regola ekwivalenti għal dik preżenti fl-Artikolu 25.

Id-deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar l-ghajjnuna mill-Istat matul il-perjodu kopert mid-deroga.

## **2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

### **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-proposta tikkonsisti minn tnaqqis tat-taxxa li jikkonċerna biss lil Franza.

### **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma ntuża l-ebda għarfien espert estern.

### **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt.

### **Sommarju tal-miżura proposta**

Il-Kummissjoni tipproponi li tawtorizza t-tnaqqis tat-taxxa ta' EUR 10 għal kull 1 000 l sal-31 ta' Diċembru 2018, b'mod li Franza tingħata permess tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq petrol bla ċomb użat bħala fjuwil tal-magni u kkonsmat fid-dipartimenti ta' Korsika.

### **Bażi legali**

L-Artikolu 19 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE.

### **Prinċipju ta' sussidjarjetà**

Il-qasam tat-tassazzjoni indiretta kopert mill-Artikolu 113 tat-TFUE fih innifsu ma jaqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-UE skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tat-Trattat.

Madankollu, l-eżerċizzju mill-Istati Membri tal-kompetenzi konkorrenti tagħhom f'dan il-qasam, huwa strettament ċirkostritt u limitat mill-miżuri li jarmonizzaw il-liġijiet nazzjonali diġà adottati mill-Kunsill.

---

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' ghajjnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni fl-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat, ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3.

F'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, il-Kunsill biss għandu s-setgħa li jawtorizza lil xi Stat Membru jintroduċi eżenzjonijiet jew tnaqqis ulterjuri, skont it-tifsira ta' dik id-dispożizzjoni. L-Istati Membri ma jistgħux jieħdu post il-Kunsill.

Il-proposta għalhekk tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà.

### **Il-prinċipju ta' proporzjonalità**

Il-proposta tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità. It-tnaqqis ta' EUR 0,01/l fil-kost tal-petrol bla ċomb huwa ferm taħt il-kost addizzjonali mġarrab (EUR 0,10 għal kull litru).

### **L-għażla tal-istrumenti**

Strument propost: Deċiżjoni tal-Kunsill

L-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96 jipprovdi għal dan it-tip ta' miżura biss.

## **3. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

Il-miżura ma timponi l-ebda piż finanzjarju u amministrattiv fuq l-Unjoni, il-proposta għalhekk ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

## **4. ELEMENTI FAKULTATTIVI**

L-ebda.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tawtorizza lil Franza tapplika rata ta' tassazzjoni mnaqqsa għall-petrol bla ċomb użat bħala karburant u ddestinat għall-konsum fid-dipartimenti ta' Korsika skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/880/KE <sup>(2)</sup> Franza ġiet awtorizzata tapplika rata ta' tassazzjoni mnaqqsa għall-petrol bla ċomb użat bħala karburant u destinata għall-konsum fid-dipartimenti ta' Korsika skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE.
- (2) B'ittra datata 12 ta' Marzu 2012, Franza talbet l-awtorizzazzjoni biex tapplika rata mnaqqsa ta' taxxa tal-enerġija għall-petrol bla ċomb użat bħala fjuwil tal-karozzi permezz ta' estensjoni ta' Prattika segwita taħt id-Deċiżjoni 2007/880/KE. It-tnaqqis jammonta għal EUR 1 kull ettolitr. Din l-awtorizzazzjoni hija mitluba għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2018. F'Korsika il-kost ta' forniment ta' petrol bla ċomb lill-pompi huwa konsiderevolment ogħla minn dak fi Franza kontinentali, bil-prezzijiet finali jkun 0,10 EUR għal kull litru ogħla minn dawk tal-kontinent.
- (3) Billi titnaqqas it-taxxa fuq il-petrol bla ċomb li jkollhom iġarrbu l-konsumaturi f'Korsika, il-konsumaturi kkonċernati se jitqiegħdu fuq livell iktar ugwali ma' dawk li jgħixu fuq il-kontinent. Għalhekk il-miżura tirsipetta objettivi reġjonali u ta' koeżjoni.
- (4) It-tnaqqis fit-taxxa ma jeċċedix dak li hu meħtieġ biex jittieħed kont tal-kost addizzjonali ta' trasport u distribuzzjoni mġarrab mill-konsumaturi f'Korsika.
- (5) Il-livell finali ta' tassazzjoni huwa konformi mar-rati minimi stabbiliti fid-Direttiva 2003/96/KE - attwalment 359 EUR/1 000 l (jew 35,90 EUR/hl). Dan jgħodd anki meta jittieħed kont ta' awtorizzazzjoni analoga għal dik mogħtija mid-Deċiżjoni ta'

<sup>(1)</sup> ĠU L 283, 31.10.2003, p.51

<sup>(2)</sup> ĠU L 346, 29.12.2007, p. 15.

Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/38/UE tat-18 ta' Jannar 2011 li tawtorizza lil Franza biex tapplika livelli differenzjati ta' tassazzjoni fuq karburanti skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE <sup>(3)</sup>, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013, fil-każ li l-effetti ta' Deċiżjoni bħal din ikunu kkombinati ma' dawk ta' din id-Deċiżjoni.

- (6) Minħabba n-natura mbiegħda u insulari tad-dipartimenti li tapplika għalihom u l-fatt li t-tnaqqis fir-rata huwa moderat – li, barra min hekk, huwa oġġli ferm meta mqabbel mal-livell minimu stipulat mid-Direttiva 2003/96/KE – il-miżura mitluba mhux se twassal għall-ebda moviment speċifikament marbut mal-forniment ta' karburant.
- (7) Konsegwentament, il-miżura hija aċċettabbli mill-aspett tal-funzjonament xieraq tas-suq intern u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta u mhux inkompatibbli mal-politiki tal-Unjoni fl-oqsma ta' saħħa, ambjent, enerġija u trasport.
- (8) Franza għandha għalhekk tiġi awtorizzata, skont l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2003/96/KE, li tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni għall-petrol bla ċomb użat bħala karburant u kkunsmat f'Korsika, u dan sal-31 ta' Diċembru 2018.
- (9) Isegwi mill-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2003/96/KE li kull awtorizzazzjoni mogħtija skont dak l-Artikolu jrid ikollha żmien strettament limitat.
- (10) Sabiex tipprovdi lir-reġjuni kkonċernati b'livell suffiċjenti ta' ċertezza, l-awtorizzazzjoni għandha tingħata għal perjodu ta' sitt snin. Madankollu, bil-għan li ma jiġux preġudikati l-iżviluppi ġenerali futuri tal-qafas legali eżistenti, huwa xieraq li jiġi stipulat li, kieku l-Kunsill kellu, meta jkun qed jaġixxi skont l-Artikolu 113 tat-Trattat, jintroduċi sistema ġenerali mmodifikata għat-tassazzjoni ta' prodotti tal-enerġija li għalihom ma tiġix adattata din l-awtorizzazzjoni, din id-Deċiżjoni tiskadi dakinhar li jidħlu fis-seħħ ir-regoli fuq dik is-sistema modifikata.
- (11) Irid jiġi żgurat li Franza tkun tista' tapplika t-tnaqqis speċifiku li għalih tirrelata din id-Deċiżjoni mingħajr interruzzjoni b'kontinwazzjoni mas-sitwazzjoni eżistenti qabel l-1 ta' Jannar 2013, skont id-Deċiżjoni 2007/880/KE. L-awtorizzazzjoni rikjesta għandha għaldaqstant tingħata b'effett mill-1 ta' Jannar 2013.
- (12) Din id-Deċiżjoni hija bla ħsara għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajjnuna mill-Istat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Franza hija awtorizzata li tapplika tnaqqis fir-rata ta' tassazzjoni li ma jkunx ta' aktar minn EUR 1 kull ettoltru għall-petrol bla ċomb użat bħala fjuwil tal-magni u kkunsmat fid-dipartimenti ta' Korsika

Sabiex ikun evitat kumpens żejjed, it-tnaqqis ma għandux imur lil hinn mill-ispejjeż addizzjonali ta' trasport, ħażna u distribuzzjoni meta mqabbel ma' dak fil-parti kontinentali ta' Franza.

---

<sup>(3)</sup> ĠU L 19, 22.1.2011, p. 13.

Ir-rata mnaqqa għandha tkun konformi mal-obbligi tad-Direttiva 2003/96/KE, b'mod partikolari r-rati minimi msemija fl-Artikolu 7 tagħha.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2013 u tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2018.

Madankollu, kieku l-Kunsill kellu, meta jkun qed jaġixxi skont l-Artikolu 113 tat-Trattat, jintroduċi sistema ġenerali mmodifikata għat-tassazzjoni ta' prodotti ta' enerġija li għalihom l-awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva ma tkunx għet addottata, din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-jum li jiġu applikabbli r-regoli ta' dik is-sistema mmodifikata.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*